~~bħala kċejjen; kellhom ħafna bjar u ġwiebi għax l-ilma kienu jaħteġuh ħafna. Sabu wkoll kotra kbira ta' bċejjeċ ta' ġarar u bwieqi tal-fuħħar li kien jinħadem u jinħema hemm fil-post. Dan juri li għadd kbir ta' nies kienu jinġemgħu u jieklu hemm.~~

~~Mis-sena 31 sas-sena 4 q.K. il-bini kien mitluq, u għandna provi li x-xirka kienet fil-belt ta' Damasku. Meta aħna nġibu quddiem għajnejna l-ħajja ta' penitenza tal-Esseni u l-ħajja bla ebda rażan tas-sultan Erodi l-Kbir li kien isaltan dik il-ħabta, ma nistagħġbux jekk Erodi xejn ma kien ferħan b'dawn in-nies igħixu tefgħa ta' ġebla bgħid mill-palazz tiegħu u jekk l-Esseni, li nqatgħu mid-dinja biex igħixu aktar skond il-liġi, ħarġu u tbiegħdu minn Qumran u telqu lejn Damasku fejn ma kienx jilħaqhom in-nifs ta' dak is-sultan li kien iħassrilhom u jħażżnilhom saħansitra l-arja ta' madwarhom.~~

~~Dawn kienu l-Esseni li t-taħfir fil-Palestina qajjem illum it-tifkira tagħhom.~~

~~P. P. SAYDON.~~

# GĦID IL-BXARA

*(25 ta' Marzu)*

Bħal ma aħna hawn Malta ngħidu li fil-25 ta' Marzu tiġi l-Lunzjata, in-nies tal-Palestina li jitkellmu lsien qisu Malti, igħidu li jiġi Għid il-Bxara.

Għax Bxara tfisser Aħbar, u Lunzjata ġejja mit-Taljan *Annunziata,* li tfisser "Imħabbra". Meta ngħidu: "Il-Lunzjata", inkunu ngħidu, ħażin ħażin: "Il-Madonna Mħabbra"; imħabbra, m'għandniex xi ngħidu, li kelliha tkun Omm Alla.

Kif inhu miktub ċar fl-Evanġelju ta' San Luqa (Kap. I, vv. 26-27), il-Bxara lill-Madonna ingħatatilha ġewwa l-belt ta' Nazzaret. Issa, l-ewwel ħaġa, meta ngħidu *belt,* għandna nifhmu dak li jifhmu l-Palestina b'din il-kelma, m'hux dak li nifhmu hawn Malta. Għax il-Palestina jgħidu *belt* imqar erba' jew ħamest idjar ma' ġenb xulxin. Hekk, kieku hawn Malta nitħaddtu bħalhom, konna ngħidu li hi belt saħansitra dawk l-erba' djar żgħar li hemm ħdejn San Martin, il-Baħrija, li jgħidulhom is-Serina.

Nazzaret, mela, meta kienet tgħammar fiha l-Madonna, ma kenitx magħmula għajr minn ftit grieni mibnija fuq il-bokka ta' xi għerien. Waħda minn dawn il-għamla ta' djar kienet toqgħod fiha l-Madonna.

Kif ġrat sewwa t-Tbaxxira?

Ġewwa Nazzaret hemm għajn, l-ilma tagħha ħiereġ minn ġewwa l-blat, taħt l-art (tixbaħ sewwa lill-Għajn tal-Ħasselin, l-Imsida, imma iżgħar), u m'għandniex xi ngħidu, din il-għajn kienet hemm ukoll fi żmien il-Madonna. Għax l-għejun jiġu mill-ilma tax-xita, li jibqa' nieżel taħt il-ħamrija ta' l-għelieqi u ġewwa x-xquq tal-blat sa kemm jingħabar u jinfed minn xi mkien. Il-għoljiet bir-raba li hemm il-lum 'il fuq minn Nazzaret kienu hemm minn dejjem, u minn dejjem tagħmel ix-xita, għalhekk il-għajn li semmejna minn dejjem kienet hemm.

Mela, kif jinsab miktub fi ktieb qadim ħafna, imsemmi *Protevangelium Jacobi* (Kap. XI, vv. 1-2), il-Madonna darba qabdet il-ġarra u ħarġet u marret fuq din il-għajn biex timla l-ilma. Kif dan, semgħet lil xi ħadd isellmilha. Bdiet tħares 'l hawn u 'l hemm biex tara min kien, u ma rat

lil ħadd. Għalhekk beżgħet u reġgħet imgħaġġla lejn id-dar.

Kif waslet, qegħedet il-ġarra fl-art u qabdet taħdem il-porpra. U kif kienet hekk, tilmaħ l-Anġlu quddiemha u taħa l-Bxara, kif hemm miktub.

Din li l-Anġlu kellimha darbtejn, aktarx li hi minna, għax il-kliem ta' l-Anġlu kif inhu miktub minn San Luqa, fiha m'hux waħda, imma żewġ



**IL-QALBA TA' NAZARET, FEJN KIENET DAR IL-MADONNA.**
**Il-bini kbir, abjad, fil-lemin, hu d-Dejr tal-Franġiskani. Id-dar kbira, fix-xellug, hi ''Casa Nova'', fejn il-Franġiskani jilqgħu lill-Insara li jmorru hemm. Il-Knisja, f'nofs ir-ritratt, mibnija fuq il-ħanut ta' San Ġużepp. Fil-Knisja fit-tarf fuq il-lemin hemm il-Għar tal-Madonna, fejn ħabbarha l-Anġlu Gabrijel.**

tislimiet. L-ewwel waħda: ''Is-sliem għaliki'' (tgħid *għaliki*, bl-aħħar ''i'', meta tkellem mara, għax jekk tkellem raġel tgħid *għalik*, mingħajr l-aħħar ''i''), li għadhom igħiduha ħafna drabi l-Palestina, u t-tislima l-oħra hi: ''Alla miegħek'', li igħadhom igħiduha wkoll, imma darba fil-kemm. L-ewwel tislima, jien li kont hemm, smajtha n għedtha kemm għandi xagħar f'rasi, u l-oħra smajtha tingħad darba biss.

Il-ħaddiema kienu jidirsu l-qamħ bil-makna tad-dris u ġie wieħed raġel Għarbi u qalilhom (jew, qalilna, għax jien kont ħdejhom), mill-bgħid qabel ma wasal: ''Alla magħkom!''. Din hija tislima qadima, għax tinsab imsemmija fil-Bibbja wkoll (Ktieb ta' l-Imħallfin, Kap. VI, v. 2). Mela aktarx li l-Anġlu qalilha lill-Madonna fuq il-għajn: ''Alla miegħek, ja Mirjam'', imbagħad meta daħlet id-dar u dehrilha hemm, qalilha: ''Is-Selem għaliki!''

''Mela''. xi ħadd jistaqsi, ''San Luqa għax ma kitebx hekk?''

Aktarx għax ried isebbaħ il-ġrajja. Imma fuq dan aqra xi ktieb ieħor (bħal li kieku ta' Father Burrows: ''The Gospel of the Infancy'', maħruġ minn Edmund Sutcliffe) għax hawn kollox fil-qasir.

It-tislima "Alla miegħeki", kollox sewwa, ma fihiex xi tfisser, imma hemm ħaġa sabiħa ħafna u moħbija fit-tislima l-oħra: "Selem għaliki", għalhekk jaqbel infissruha ftit.

Din it-tislima fil-Palestina tingħad minn min ikun ġej, lin-nies li jkun qiegħed joqrob lejhom. U jekk wieħed ikun ħiereġ mir-raħal u ieħor sejjer in-naħa tar-raħal, dan li jkun sejjer għandu jsellem l-ewwel u għandu jgħid "Is-selem għalik". Barra minn dan, meta xi ħadd jagħtik xi ħaġa biex tagħtiha lil ħaddieħor, min igħid-lek hu, igħidlek: "Sellimtlekijaha", li tfisser: "Ħallejthielek f'idejk", Mela, lil min tgħidlu: "Is-selem għalik", tkun qiegħed tgħidlu: "Inħalli ruħi f'idejk", fi kliem ieħor: "Hawn jien, qaddej tiegħek".

U hawn qegħda l-ħaġa sabiħa li hemm fit-tislima ta' l-Anġlu lill-Madonna. Għax meta qalilha: "Is-selem għaliki", kien qiegħed jistqarr li hu qaddej tagħha, jiġifieri li Hija aqwa minnu. Jiġifieri, li saħansitra qabel ma tnissel il-Bambin fil-ġuf tagħha, il-Madonna kienet diġà aqwa mill-Anġli.

Issa din m'hix ħaġa ta' l-għaġeb u tiftiehem malajr. Tiftiehem, imma fid-dawl tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Madonna. Hija kienet aqwa mill-Anġli, għad li huma safjin, m'għandhomx ġisem. Imma l-Madonna kienet safja bħalhom, jiġifieri bla ħtija tan-nisel, u b'dan kollu kellha ġisem tal-laħam. Jiġifieri, għad li kellha ġisem, kienet safja daqs l-Anġli, li ma kellhomx.

Ejjew ngħiduha fi kliem ieħor, għal xi ħadd li ma fehemhiex.

Jekk wieħed igħum minn Għawdex sa Malta bil-malja, ikun għamel ħaġa kbira. Imma jekk ieħor ikun għamel din il-għuma liebes il-ħwejjeġ, bil-ġlekk u ż-żarbun, ikun għamel aktar minn ta' qablu, għalhekk ikun aqwa minnu. Hekk dak li qegħdin insemmu hawnhekk.

Fl-Evanġelju hemm miktub li l-Anġlu qalilha lill-Madonna: "Mimlija bil-grazzja". Imma l-kelma li qal l-Anġlu, li hi maqluba "grazzja" (mill-Grieg "Kharis), ma taqbilx sewwa mal-kelma nfisha kif nifhmuha l-lum. Għax il-kelma li hi maqluba "grazzja", l-Anġlu qalilha ĦNN (tħab-belx rasek għall-vokali; aqraha *ħanan* jew *ħenen,* kif trid), li taqbel mal-kel-ma Maltija: *Ħniena*. Terġa', "mimlija ħniena" (jew grazzja), fil-Palestina ma jgħiduhiex. Jekk bħal li kieku jkun hemm xi raġel (jew tifel, fil-qosor, xi ħadd ġens dakar) ,li jħobb iċanfar (bil-Palestini *igħażżar*), igħid-ulu: *Abu għażara*. Jekk ikun minn tagħna (bil-Palestini *latif*), igħidulu: *Abu lotof*. U jekk tkun mara (jew tifla), igħidulha: *Umm għażara,* jew *Umm lotof*. Mela aktarx, u qisu ċert, li l-Anġlu lill-Madonna qalilha: "Is-selem għaliki, ja Mirjam, Umm il-Ħanen!" Issa *Umm Ħanen* tfisser: "Omm tal-Ħniena", bħal ma qegħda fis-"Salve Regina". Għandu jkun min kiteb is-"Salve Regina" l-ewwel darba kien jaf bl-Arami u ntebaħ b'din it-tifsira. Għax: *Salve, mater misericor-diae,* u: *Ave, gratia plena,* jekk taq-libhom bil-Palestini jiġu bħal xulxin.

Mela: "Is-Selem għaliki, ja Umm Ħanen"; hekk qalilha l-Anġlu, u hekk ingħidulha aħna wkoll mill-qiegħ ta' din id-dinja mudlama. Is-sliem għalik, Marija, Omm tal-Ħniena. Insellmulek, inħallu f'idejk lilna nfusna, f'dan l-imkien tal-waħx li fih ninsabu. Isma' leħenna u ftakar fina u ħarisna, biex il-għadu ma jirbaħniex. Ħalli f'waqt mewtna teħodna miegħek na-raw id-Dawl ta' Ibnek Ġesù, li Int nissilt fis-safa' ta' ġufek għas-saħħa tagħna.

FRA LUNZJAT, O.F.M.